**14 ta' Novembru, 1997**

**Imħallfin:-**

***S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Reggie Fava *noe*

*versus*

Tabib Prinċipali tal-Gvern

**Ritrattazzjoni - Żball li Jidher mill-Atti jew mid-Dokumenti tal-Kawża - Artikolu 811 (l) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi - Artikolu 811 (e) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Talba għal ritrattazzjoni.*

*Il-Qorti sabet illi bħala fatt ġew injorati fatturi rilevanti u allura s-sentenza impunjata ingħatat a bażi ta' supposizzjoni li ma kinitx*

*fattwali.*

*Fid-dritt għaliex il-Qorti fil-pronunzjament tas-sentenza hi obbligat li tagħti motivazzjoni xierqa għad-deċizjoni tagħha imma mhi bl-ebda mod tenuta li tirreġistra l-argumentazzjoni kollha li wasslitha għal tali deċizjoni. Il-Qorti għamlet referenza b'approvazzjoni għal diversi sentenzi li ngħataw fi żmien reċenti għas-sentenza u rriteniet li ma kienx hemm applikazzjoni ħażina ta' liġi.*

Il-Qorti:-

Il-Qorti ser tikkunsidra talba tal-konvenut għal smigħ mill-ġdid ta' din il-kawża deċiża finalment b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Mejju, 1995. L-attur *nomine* kien ipproċeda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'din iċ-ċitazzjoni:

"B'ċitazzjoni tat-28 ta' Novembru, 1991, l-attur, Reggie Fava *nomine*, talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara li l-esponent kien ordna u huwa obbligat jieħu l-konsenja ta' kwantità ta' *non-sterile surgical latex gloves*, li huwa jiġi kkundannat jaċċetta u jirċievi l-konsenja ta' l-istess ingwanti u jħallas il-prezz relattiv ta' 7536.11 DM fl-ekwivalenti flus Maltin, u dan bl-ispejjeż u bl-imgħax legali";

Il-konvenut kien eċċepixxa illi huwa ma kienx fil-fatt marbut li jixtri l-ingwanti mingħand l-attur;

B'sentenza tad-9 ta' Novembru, 1992, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenut ritrattand li jħallas is-somma ta' Lm1,494 kif mitlub mill-attur bl-ispejjeż;

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. Ir-ritrattand

hekk ikompli fil-petizzjoni tiegħu għar-ritrattazzjoni:

"Fil-mori tas-smigħ ta' l-imsemmi appell l-esponent fil-fatt xtara l-ingwanti in kwistjoni mingħand is-soċjetà attriċi bil-kondizzjoni ċara li dan kien qed isir totalment mingħajr preġudizzju għall-posizzjoni tiegħu u ta' l-attur fil-kawża għar-rigward tal-kwistjonijiet li kienu se jibqgħu pendenti *bejniethom (prinċipalment spejjeż ġudizzjarji u imgħax)* dwar il-vertenza;

Illi l-fatt li l-imsemmi xiri da parti ta' l-espnoent kien sar fuq bażi ta' "mingħajr preġudizzju", kien inġieb a konoxxenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u fil-fatt dan jirriżulta b'mod ċar mill-korrispondenza esebita a fol. 27 u 28 tal-proċess;

Illi b'sentenza tat-8 ta' Mejju, 1995, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddeċidiet il-kawża mingħajr ma eżaminat il-mertu tal-vertenza (kif fil-fatt iddikjarat hi stess f'paragrafu 5, paġna 3 tas-sentenza) fuq il-bażi tal-fatt illi x-xiri da parti tal-konvenut ta' l-ingwanti in kwistjoni fil-mori ta' l-appell "huwa akwixxenza vera u proprja għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad u għalhekk huwa għemil li ma jistax ġuridikament ma jfissirx rinunzjat effettiva ta' l-appell";

Illi l-parti disposittiva tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Mejju, 1995 tgħid *verbatim* li "Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti, notata r-rinunzja effettiva tal-konvenut għall-appell minnu intavolat, tikkonferma - għal kull bwon fini s-sentenza appellata - bl-ispejjeż kontra l-konvenut"";

Ir-ritrattand ħass ruħu aggravat bis-sentenza ta' din il-Qorti u qed jissottometti illi jeżistu raġunijiet suffiċjenti biex dik is-sentenza tiġi mħassra u sabiex jiġi awtorizzat smigħ mill-ġdid tal-kawża a teħur tas-subinċiż (l) u (e) ta' l-Artikolu 811

tal-Kap. 12;

Dwar is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 811:

Dwar dan is-subinċiż il-konvenut ritrattand hekk jissottometti:

"It-talba odjerna hija fl-ewwel lok ibbażata fuq is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li, testwalment tgħid hekk:

"(1) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;"

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubbju eskluża, jew fuq is-supposizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza;

Fil-każ in eżami s-sentenza tidher li ngħata abbażi tas-supposizzjoni li l-ingwanti in kwistjoni ma kinux inxtraw fuq bażi ta' "mingħajr preġudizzju" għal dawk l-aspetti tal-vertenza li transazzjoni dwarhom ma kinitx ġiet komposta bejn il-partijiet;

Il-fatt li l-merkanzija in kwistjoni inxtrat mingħajr preġudizzju għall-kawża kien fil-fatt jirriżulta mill-atti u d-dokumenti tal-kawża (*vide* fol. 27 u 28) u għalhekk is-sentenza timmerita li tiġi mħassra u l-kawża timmerita li tiġi ritrattata a bażi tal-paragrafu (1) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 fuq

imsemmi";

Dwar is-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811:

Dwar dan is-subinċiż il-konvenut ritrattand hekk jissottometti:

"Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jissottometti ukoll illi s-sentenza tat-8 ta' Mejju, 1995 fuq imsemmija timmerita ukoll li tiġi mħassra għall-fini li ssir ritrattazzjoni tal-kawża skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 li jgħid, testwalment:

"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni";

Fis-sentenza appellata, fil-każ li dina l-Onorabbli Qorti ma taċċettax is-sottomissjoni ta' l-esponent fis-sens li l-kondizzjoni ta' "mingħajr preġudizzju" ġiet injorata bi żball, ikun allura l-każ li l-fatt li x-xiri ta' merkanzija "mingħajr preġudizzju" ġie meqjus bħala rinunzja effettiva ta' l-appell ikun jikkostitwixxi applikazzjoni ħażina ta' liġi billi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkun qieset li l-appell ġie rinunzjat u tkun iddeċiditu bħala wieħed rinunzjat meta fil-fatt hija kellha teżamina l-meritu tiegħu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar is-smigħ u d-deċiżjoni ta' l-appelli li kellhom japplikaw flok id-disposizzjonijiet dwar ir-rinunzja għall-atti li fil-fatt ġew applikati;

Illi f'dan ir-rigward huwa ukoll sinifikanti illi s-sentenza attakkata f'ebda ħin ma tiddiskuti l-effetti tal-kondizzjoni "mingħajr preġudizzju" u għalhekk ċertament ma jistax jingħad li l-espnoent qiegħed b'dan l-att iqajjem kwistjoni dwar interpretazzjoni ta' liġi deċiża espressament fis-sentenza";

Għandu, qabel xejn u in linea preliminari, jiġi ddeterminat jekk kinitx jew le valida s-sottomissjoni tal-konvenut dwar jekk din il-Qorti kinitx ħadet jew le in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanza illi l-konvenut kien, fil-mori tat-trattazzjoni tal-kawża, ċeda appell, akkwista il-kumplament ta' l-ordni ta' l-ingwanti li l-attur *nomine* kien qed jirreklama l-pagament tagħhom. Sottomissjoni din li għandha rilevanza determinanti għat-talba għal smigħ mill-ġdid kemm taħt is-subinċiż (l) kif ukoll taħt is-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811;

Ir-ritrattand jissottometti illi kien sinifikanti illi fis-sentenza ritrattata ma kien hemm l-ebda referenza għall-fatt riżultanti mill-proċess illi x-xiri ta' l-ingwanti meritu tal-vertenza kien sar "mingħajr preġudizzju" għal dak li kien se jifdal mill-kawża allura anke dwar il-kap ta' l-ispejjeż. Iqis allura li, ġaladarba din il-Qorti ma semmitx din iċ-ċirkostanza mportanti fil-motivazzjoni tagħha, allura, dan neċessarjament ifisser illi ma kinitx ħadet konsiderazzjoni tagħha qabel ma ddeċidiet. Dan però, mhux legalment validu la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Fid-dritt għaliex il-Qorti, fil-pronunzjament tas-sentenza hi obbligata li tagħti motivazzjoni xierqa għad-deċiżjoni tagħha imma mhi bl-ebda mod tenuta li tirreġistra l-argumentazzjoni kollha li wasslitha għal tali deċiżjoni. Ma jfissirx li għax il-Qorti ma tkunx semmiet xi ċirkostanza ta' prova jew xi sottomissjoni ta' liġi li għamlu l-kontendenti, importanti kemm hi importanti, allura dawn ma tkunx ikkonsidrathom. Hu biżżejjed li din il-Qorti tagħti indikazzjoni preċiża ta' dik il-motivazzjoni prinċipali li waslitha biex tiddeċiedi mod u mhux mod ieħor. Fil-fatt mill-motivazzjoni ta'

din is-sentenza hu impliċitament ċar illi l-Qorti qieset kull eventwalità li kienet toħroġ mill-provi quddiemha qabel iddeċidiet. Infatti waslet għall-konklużjoni tagħha wara li enunċjat prinċpju ta' dritt - li wieħed jista' f'dan l-istadju jaqbel jew ma jaqbilx miegħu - illi kellu japplika f'kull ċirkostanza. Allura anke fiċ-ċirkostanzi tal-fatt taħt eżami fejn il-meritu tal-kawża "kien ġie eżawrit" wara fatt li allegatament seħħ - da parti ta' l-appellant "bla preġudizzju". Difatti s-sentenza impunjata hekk tiddelibera:

"Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni fuq il-kap ta' l-ispejjeż, fis-sens illi din il-Qorti għandha xi dover li, eżawriet effettivament u konkretament il-meritu ta' xi kwistjoni li jkolha quddiemha hija għandha l-obbligu li teżamina l-meritu tal-kawża irrispettivament minn dak li attwalment ġara, fil-mori ta' l-appell. Kienu x'kienu r-raġunijiet li nduċew jew, anke, ikkonstrinġew lill-konvenut (dawn l-aħħar kliem sottolineati minn din il-Qorti) li jagħmel proprju dak li talbet is-soċjetà attriċi fil-kawża, xorta waħda dak l-għemil huwa akkwixxenza vera u proprju għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad, u għalhekk, huwa għemil li ma jistax, ġuridikament, ma jfissirx rinunzja effettiva ta' l-appell";

Stabbilit illi din il-motivazzjoni adegwatament tkopri l-ilment tar-ritrattand illi din il-Qorti ma kkunsidratx fis-sentenza impunjata l-aggravju prinċipali tiegħu fl-appell, liema ilment jirriżulta allura inġustifikat, tiġi tonqos u tirriżulta mankanti ukoll ir-raġuni għal smigħ mill-ġdid tal-kawża taħt kull wieħed miż-żewġ kapi invokati mir-ritrattand;

Dwar is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 811:

Ma jirriżultax bħala fatt illi din il-Qorti injorat iċ-ċirkostanza illi l-ingwanti li kien baqa' inxtraw mill-appellant

"mingħajr preġudizzju" u li allura s-sentenza impunjata kienet ingħatat a bażi ta' suppożizzjoni li l-ingwanti in kwistjoni ma kinux inxtraw fuq din il-bażi. Qari attent tas-sentenza jindika infatti l-kontra anke jekk dan b'mod impliċitu u mhux espliċitu;

*Dan l-aggravju qed jiġi respint;*

*Dwar is-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811:*

Anke taħt dan l-aggravju din il-Qorti qed tiġi mitluba tiddeċidi illi, l-fatt li x-xiri ta' merkanzija sar mingħajr preġudizzju ġie meqjus mill-Qorti bħala rinunzja effettiva ta' l-appell, jikkostitwixxi applikazzjoni ħażina tal-liġi billi l-Qorti "tkun qieset li l-appell ġie rinunzjat meta fil-fatt hija kellha teżamina l-meritu tiegħu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar is-smigħ u d-deċiżjoni ta' l-appelli, li kellhom japplikaw flok id-disposizzjonijiet dwar ir-rinunzja għall-atti li fil-fatt ġew applikati";

Issa huwa ovvju illi r-rinunzja ta' l-atti ta' kawża kienet waħda mill-fatti li jistgħu jiġru fil-kors tas-smigħ u tad-deċiżjoni ta' kawża. Hu fatt li, meta jseħħ, jiġi regolat bl-istess disposizzjonijiet li japplikaw għas-smigħ tal-kawżi kif provdut mill-Kodiċi ta' Proċedura. X'jikkostitwixxi rinunzja għall-atti jiġi deċiż mill-Qorti li tkun qed tieħu konjizzjoni tagħhom u tali rinunzja twassal biex is-smigħ ta' l-istess kawża jiġi tterminat u l-*kawża finalment determinata skond ir-regoli tal-proċedura* enunċjati fil-Kap. 12. Indubbjament allura r-ritrattand ma jistax jippretendi *li* l-Qorti ma kinitx qed tapplika l-liġi t-tajba għall-fatti taħt eżami. Jista' jilmenta illi kienet qed tapplika dik il-liġi tajba b'mod żbaljat għall-każ tiegħu. Dan però jkun jammonta biss għal kontestazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-liġi mill-Qorti u li din kienet qed tapplikaha b'mod żbaljat imma mhux li

l-Qorti applika liġi minflok oħra;

Dan is-subinċiż (e) ġie amjament trattat f'diversi ġudikati matul is-snin u anke fi żmien riċenti u ma jeħtieġ l-ebda elaborazzjoni ulterjuri. Issir referenza għal din il-ġurisprudenza fosthom il-kawża **Xuereb** ***utrinque*** deċiża minn din il-Qorti fl-1992;

*"L-ipotesi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi tikkonkreta* ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' liġi espressa u ċara u mhux soġġetta għal interpretazzjoni, raġjonċinji jew argumenti" (Vol. XLII, pt. I, p. 227);

Ipotesi li fil-kuntest ta' din il-kawża ma tirriżultax u anke dan l-aggravju hu insostenibbli;

Għal dawn il-motivi t-talba għal smigħ mill-ġdid taħt il-kapi invokati mir-ritrattand qed tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.